MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 781/2011

**Mobisle Communication Ltd**

**Vs**

**Emanuela Baldacchino**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Settembru 2011 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha mija u disgha u tletin Ewro u ghaxar centezmi (€439.10) rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *AC 51049953* mghotija mis-socjeta attrici.

Illi l-konvenuta giet debitament interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tal-11 ta' Mejju 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha mija u disgha u tletin Ewro u ghaxar centezmi (€439.10) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------